MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 66/2011

**N S**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**LT J**

**Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Nicolette Aquilina li b'digriet tal-14 ta' Marzu 2011 gew nominati kuraturi deputati biex jjirraprezentaw lit-tifla minuri H S J**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata zzewgu nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju, tas-sena elf disgha mija u disgha u disghin (1999) (Certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. A');
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied minuri u cioe D u W ahwa S J (Certifikat tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'B' u'C' rispettivament);
3. Illi ghal dawn l-ahhar snin l-intimata u r-rikorrenti stabilixxeww residenzi differenti u dan peress illi huma de facto separati, u qed jippruvaw jilhqu ftehim ghal separazzjoni bonarja. Fil-fatt kien hemm ukoll diversi seduti ta' medjazzjoni izda l-partijiet ma rnexxilhomx jilhqu ftehim.
4. Illi tul il-perjodu illi l-partijiet kienu separati de facto, l-intimata kellha tifla minuri bl-isem ta' H S J, liema twieldet nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) (Certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'D';
5. Illi stante illi l-intimata u r-rikorrenti ghadhom legalment mizzewgin, fl-imsemmi certifikat tat-twelid ir-rikorrenti N S huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri msemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitnissel fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi kif kontemplat fl-Artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
6. Illi kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta'din il-kawza, il-missier natural tal-minuri imsemmi mhuwiex ir-rikorrenti N S u ghalhekk ic-certifikat tat-twelid tal-minuri H S J ghandu jigi emendat fis-sens illi l-paternita` u d-dettalji senjatament il-kunjom tal-istess minuri ikunu korrettament jirrispekjaw u jikkonformaw mal-fatt illi l-missier naturali mhux ir-rikorrenti;

Talab ghalhekk li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, illi r-rikorrenti N S m'huwiex il-missier naturali tal-minuri H S J.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri H S J enumerat 3345 billi f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-

tarbija, jithassru d-dettalji tar-rikorrenti u minflok jitnizzel il-kliem ‘missier mhux maghruf u jitbiddel ukoll kunjom il-minuri.

Bl-ispejjes u l-konvenuti ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat in-nota tal-konvenuta F S J tas-16 ta’ Marzu 2011 illi permezz taghha ammettiet it-talba tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illli preliminarjament trattasi minn kawża ta’ *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa talanqas waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi madankollu attiż in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna l-esponenti jħoss opportun li huwa fl-aħjar interess tal-minuri H S J, li din l-Onorabbli Qorti tuża’ s-setgħa tagħha mogħtija lilha bl-**Artikolu 70 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta,** billi tistieden lill-partijiet involuti f’dawn il-proċeduri sabiex joqogħdu għall-eżamijiet u l-analiżi meħtieġa biex tiġi stabbilita kull prova ġenetika li jkollha x’taqsam mal-każ;

4. Illi subordinatament f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mineħħija l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem N S, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3345/2010;

5. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti kuraturi deputati L-Av. Simon Micallef Stafrace u l-PL Nicolette Aquilina, li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw d-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

Salv risposta ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kuraturi deputati L-Av. Simon Micallef Stafrace u l-PL Nicolette Aquilina;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba ta' denegata paternita' *stante* li l-attur jikkontendi li m'huwiex il-missier

biologiku tal-minuri H S u dan peress li minkejja li hu u l-intimata F S J mizzewgin, huma separati *de facto*. Izda proprju minhabba l-presunzjoni legali ezistenti, l-minuri msemmija giet registrata bhala bintu. L-attur, permezz ta' din il-kawza qieghed jitlob lil din il-Qorti sabiex, filwaqt li tiddikjara li m'huwiex il-missier naturali tal-minuri H S J, konsegwentement tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jibda jibda jghid 'missier mhux maghruf'.

**<u>Il-Mertu tal-Kaz</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghac-certifikat taz-zwieg ta' bejn l-attur u l-intimata L S J[1], liema zwieg gie kkuntrattat nhar id-29 ta' Mejju 1999. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghan-nota ta' ammissjoni da parti tal-intimata a fol 8 tal-process u li permezz taghha tammetti t-talbiet tal-attur hekk kif dedotti.

Issir referenza wkoll ghar-rapport xjentifiku prezentat mill-intimata[2] u li permezz tieghu, l-attur N S gie eskluz mill-possibilita' li jkun missier il-minuri.

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta li l-eccezzjonijiet tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku jduru fuq il-mertu tal-kaz. Ghalkemm fil-mori ta' din il-kawza ma gew prezentati ebda affidavits u ebda xhieda li permezz taghha l-partijiet setghu jikkonfermaw it-tezi taghhom (ghalkemm l-attur jikkonferma l-fatti tar-rikors promotur filwaqt li l-intimata L S J tammetti t-talbiet kif dedotti), il-Qorti hija konvinta li l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri u dan kif inhu evidenzjat mit-test tad-DNA msemmi aktar 'il fuq.

Illi in vista tar-rikors guramentat mill-attur, in-nota ta' ammissjoni tal-intimata L Schmebri J u in vista tat-test ta' DNA esebit in atti, il-Qorti hija konvinta sal-grad rikjest mill-ligi li l-attur irnexxilu jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 67 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Esebit a fol 7 tal-process
[2] Esebit a fol 42 tal-process

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-attur N S m’huwiex il-missier naturali u biologiku tal-minuri H S J;
(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri H S J mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier il-kliem ‘N S’ u l-konnotati tieghu u minflok jitnizzel ‘missier mhux maghruf’.
(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex inehhi l-kelmiet ‘the said’ li jinsabu qabel isem N S, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3345/2010;

Bl-ispejjez kontra l-attur u l-intimata L T J fi kwoti indaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------